# Missjunarji tat-Tama Fost il-Ġnus
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Ottubru 2025

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Ngħollu tifħirna lejk, o Kristu Sidna,
li qomt rebbieħ fuq dlam il-mewt, setgħani
bħal xemx li tiddi b'qawwa f'sbieħ il-għodwa
u d-dinja ddawwal.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Fil-mixja ta' ħajjitna ersaq lejna
sabiex kliem xofftejn qlubna inti tisma'
filwaqt li inti wkoll tgħidilna kliemek
li 'l qlubna jkebbes.

*Missierna, Sliema, Glorja*

U għamel li dil-fjamma ċkejkna tasal
li f'nar li jheddeb vampa waħda taqbad
sabiex għajnejna dlonk beraħ jinfetħu
u jagħrfuk moħbi.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ħa tkun imnara dil-ħuġġieġa fina
li ddawwal dlam il-lejl u tkeċċi l-biża'
sabiex riġlejna ħfief ma jibqgħux lura
li jwasslu l-Bxara.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Insebbħuk u nkabbruk, o Alla moħbi
f'das-sagrament tal-kbira mħabba tiegħek,
u miegħek ġieħ irroddu lil Missierek
u 'l Ruħ il-Qodos. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

F'dan ix-xahar ta' Ottubru li, permezz tat-talba tar-Rużarju, inqattgħuh b'idna f'dik ta' Marija, Omm l-Iben ta' Alla preżenti quddiemna u Omm l-umanità mifdija, bl-istess mod, bħal meta marret tħaffef lejn l-għoljiet biex iżżur lil qaribtha Eliżabetta sabiex taqdiha imma wkoll taqsam magħha l-ħwejjeġ tal-għaġeb li Alla kien qed iwettaq fiha u biha, flimkien magħha aħna wkoll niġru tul it-toroq tad-dinja aħna u nħejju ruħna għad-99 ġurnata missjunarja. Niġru wkoll f'din is-sena ta' Ġublew li minn pellegrini tat-tama trid twassalna biex insiru

wkoll missjunarji tat-tama. Għax, kif tista' tgħid li tassew iltqajt mal-Mulej u ġarrabt il-ħlewwa ta' ħnintu u mħabbtu, jekk din il-laqgħa ma tfurx 'il barra, jekk it-triq lura mill-pellegrinaġġ ma ssirx triq kollha tama li tixgħel il-musbieħ tat-tama minn kull fejn tgħaddi!

Għaldaqstant, din is-sena l-Knisja qed tistedinna biex inkunu "missjunarji tat-tama fost il-ġnus" (Franġisku, *Messaġġ għall-Jum Dinji tal-Missjoni*, 25 ta' Jannar 2025). Xi jfisser dan? Ifisser li, "fuq il-passi ta' Kristu l-Mulej, l-Insara msejħin biex jittrażmettu l-Bxara t-Tajba billi jaqsmu fil-kundizzjonijiet konkreti tal-ħajja ma' dawk li jiltaqgħu magħhom u hekk isiru ħabbara u bennejja tat-tama" (*ibid.*). Ifisser li fil-konkret ngħixu dak li afferma b'tant qawwa l-Konċilju Vatikan II, jiġifieri li "l-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bnedmin tal-lum fuq kollox tal-foqra u ta' dawk kollha li jbatu, huma wkoll il-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tad-dixxipli ta' Kristu, u ma hemm ebda ħaġa li hi tassew tal-bniedem li huma wkoll ma jħossuhiex f'qalbhom" (*Gaudium et Spes*, par. 1).

Ejjew, għalhekk, b'dan kollu f'qalbna—il-ferħ u n-niket tagħna imma wkoll il-ferħ u n-niket tal-bnedmin kollha—induru lejn il-Mulej Ġesù, "li fil-ħniena kbira tiegħu raġa' wilidna għal tama ħajja bil-qawmien" tiegħu mill-imwiet (ara 1 Pt 1, 3), u nqimuh, nadurawh. Ejjew nixorbu minn din l-għajn tal-ħajja sabiex noffru t-tama li rċevejna minn Alla bis-sempliċità u nwasslu lill-oħrajn l-istess faraġ li bih Alla jfarraġ lilna (ara 2 Kor 1, 3-4). Ejjew mill-ġdid nerġgħu npoġġu tamitna fih, u nitniehdu għall-ġnus kollha sabiex verament hu biss ikun it-Tama waħdanija tal-bnedmin kollha.

## Innu Ewkaristiku

Fil-Messaġġ għall-Jum Dinji tal-Missjoni ta' din is-sena, ippubblikat minn Papa Franġisku fil-25 ta' Jannar li għadda, ftit ġimgħat biss qabel il-mewt tiegħu, insibu tixbiha tassew interessanti b'għeruq mill-iktar Bibliċi. Naqraw hekk:

> Illum, quddiem l-urġenza tal-missjoni tat-tama, id-dixxipli ta' Kristu huma msejħa, l-ewwel nett, biex jiffurmaw ruħhom sabiex ikunu "artiġjani" tat-tama u restawraturi ta' umanità li ħafna drabi hi distratta u mhijiex ferħana.

Artiġjani u restawraturi. Għalkemm forsi ma nsibuhomx b'mod dirett, dawn huma żewġ kwalitajiet ta' Alla u tal-profeti u l-messaġġieri tiegħu, partikolarment fit-Testment il-Qadim. Alla jxebbah lilu nnifsu mal-fuħħari li jagħġen u jifforma l-poplu u l-mibgħutin tiegħu. Alla jgħarbel u jagħraf, mhux biex jieqaf mal-kastig imma biex isaffi u jħobb. Alla li joħloq lill-bniedem donnu ħaddiem it-tafal, u jonfoħ fih nifs il-ħajja. "Bennej tas-swar imġarrfa" (ara Is 58, 12), għax "Bħalma għarus jitgħarras xebba, hekk jitgħarrsek il-Bennej tiegħek; u bħalma l-għarus jitgħaxxaq b'għarustu, hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek" (Is 62, 5).

Meta jkellem lil Ġeremija l-ewwel darba biex iqiegħdu profeta fuq il-ġnus—għax il-kelma li kien se jħabbar ma kinitx biss għall-poplu tiegħu, imma kienet ukoll għall-ġnus pagani li b'xi mod kellhom x'jaqsmu mal-poplu l-magħżul—Alla jgħidlu: "Ara, jiena llum qegħedtek fuq il-ġnus u s-saltniet, biex taqla' u ġġarraf,

biex teqred u tħott, biex tibni u tħawwel" (Ġer 1, 10) … qisu x-xogħol tar-restawratur li jrid inaddaf biex ikun jista' joħroġ il-ġmiel oriġinali. Kienet il-missjoni ta' Ġeremija li juri l-Eżilju tal-poplu f'Babilonja proprju bħala proċess ta' restawr u tiġdid sabiex il-poplu jerġa' jsib l-identità tiegħu u jdur lejn Alla.

Mulej Ġesù, din ir-restawrazzjoni tal-umanità kollha seħħet fil-milja tagħha fik, bit-tiġrif u l-qerda tiegħek, u bil-bini mill-ġdid tat-tempju ta' ġismek wara tlett ijiem … tempju mhux biss miftuħ għall-poplu l-magħżul imma għall-ġnus kollha permezz tagħhom … Adam il-ġdid li sirt spirtu li tagħti l-ħajja (ara 1 Kor 15, 45).

U dan hu li inti titlob mill-Knisja, mill-missjunarji, minna lkoll imgħammdin fik, jiġifieri li nkunu dawk li jxammru l-kmiem u ma jitqażżux mit-tajn u ċ-ċaflis tal-ħajja konkreta, imma jagħrfu jpoġġu fih in-nifs tat-tama. Inkunu dawk li fl-aħwa sfigurati mid-dnub, mit-traġedji u t-trawmi tal-ħajja, mill-weġgħat u d-diżappunti, nibqgħu naraw ix-xbieha tiegħek, u b'tama ngħinu biex iseħħ ir-restawr meħtieġ sabiex dan il-ġmiel jerġa' jidher fid-dija kollha tiegħu.

Dan kollu, Mulej, jitlob minna s-sabar. Imma d-dinja tal-lum m'għadx għandha sabar; m'għadhiex taf tistenna; trid il-frott tas-sajf fix-xitwa, u l-kesħa fis-sajf. U lanqas aħna m'għandna sabar, la magħna nfusna u mal-proċessi naturali tagħna, u lanqas sabar ma' persuni oħra, hekk li ma nipperseverawx f'dan il-proċess ta' tiswir mill-ġdid tat-tama f'dinja bla tama u ta' restawr ta' umanità miġrugħa mill-mibegħda u l-konflitti.

Li nkunu missjunarji tat-tama fost il-ġnus għal xi wħud hija sejħa minnek għal missjoni speċjali lil hinn minn arthom. Imma hija sfida għalina lkoll biex noħorġu minna nfusna u nħalluk twettaq dan kollu. Inħalluk l-ewwel tibda twettqu fina stess—taqla' u ġġarraf, tiknes u tħott, tibni u tħawwel, tiżbor u ddemmel—sabiex hekk—xogħol nofs triq kif ninsabu—tibda tinqeda bina biex twettaq l-istess ħidma fi qlub oħra. Nistgħu nkunu missjunarji fost il-ġnus anke f'artna stess, fejn ħafna nies sabu ruħhom hawn għax din kienet l-aħħar tama għalihom, jew ġew hawn bit-tama ta' futur aħjar għalihom u għall-familji tagħhom, waqt li oħrajn ġew hawn bit-tama li jistagħnew. Imma jekk fina jaraw bnedmin ta' tama—bnedmin li għandhom dik it-Tama l-kbira li hija t-tama fik, li hija inti nnifsek—hemm imbagħad issir possibbli din il-missjoni tal-Knisja f'artna li tkun missjunarja tat-tama fost il-ġnus li ġew hawn mit-Tramuntana u min-Nofsinhar, mil-Lvant u mill-Punent, meta tħalli jiddi f'wiċċha lilek, id-Dawl tal-ġnus.

## Innu Ewkaristiku

Forsi xi drabi, quddiem is-sitwazzjonijiet ta' madwarna u, iktar u iktar, dawk globali, ftit inkunu nistgħu nagħmlu b'mod konkret. Imma li nkunu missjunarji tat-tama jfisser ukoll li nkunu rġiel u nisa ta' talb għaliex "il-persuna li tittama hi persuna li titlob." Hekk kien jisħaq Kardinal Vjetnamita Francis-Xavier Nguyễn Văn Thuận li żamm ħajja t-tama minkejja t-tlettax-il sena li qatta' fil-ħabs 'il bogħod mill-merħla tiegħu bħala isqof, fejn seta' jsib il-forza biss fit-talb

perseveranti u fl-Ewkaristija li kien jiċċelebra bil-moħbi kuljum bi ftit qtar tal-inbid u loqma ħobż li jkun warrab mill-ikel.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, kemm ma napprezzawx il-grazzja li għandna li nistgħu niċċelebrawk, nisimgħuk titħabbar lilna, u nirċevuk ġewwa fina kull meta rridu, meta tqis kemm popolazzjonijiet Insara madwar id-dinja huma mċaħħda minn dan minħabba n-nuqqas ta' saċerdoti jew minħabba l-persekuzzjoni. Grazzi, Mulej, ta' dan kollu li ftit li xejn irroddulek ħajr tiegħu. U, bi spirtu ta' responsabbiltà Nisranija bħala missjunarji tat-tama fost il-ġnus, se rressqulek dawn it-talbiet tagħna għall-Knisja u għad-dinja.

- Seddaq il-Knisja l-aktar fost il-ġnus li għadhom qed isiru jafuk sabiex twieġeb għas-sitwazzjonijiet konkreti mhux biss billi tipprovdi għall-bżonnijiet materjali imma, fuq kollox, billi toffri salvazzjoni li tmur lil hinn minn dawn il-limiti u li ssib il-milja tagħha fit-tama fik. Nitolbu.
- Inpoġġu fil-qalb ħanina tiegħek lill-missjunarji rġiel u nisa, b'mod speċjali dawk Maltin, li, bi tweġiba għas-sejħa tiegħek, marru fost popli oħra biex iwasslu l-imħabba tal-Missier murija fik. Nitolbu.
- Miss il-qlub tal-mexxejja tad-dinja sabiex ma jfixklux il-ħidma tal-Knisja favur l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem, u lanqas ikunu ta' ostaklu għal kull min iħabrek għall-paċi u l-ġustizzja. Nitolbu.
- Permezz ta' dawk li taw tweġiba konkreta bil-ħajja tagħhom għall-kmand tiegħek lid-dixxipli biex jevanġelizzaw lill-popli kollha, fakkarna fis-sejħa universali tal-imgħammdin kollha biex, bil-qawwa tal-Ispirtu u l-impenn fil-ħajja ta' kuljum, insiru missjunarji tat-tama l-kbira li raddejtilna inti bil-qawmien mill-mewt. Nitolbu.
- Meta ninqabdu f'ċirku vizzjuż ta' tħassir tagħna nfusna jew tal-qagħda tal-poplu tiegħek, oħroġna mill-iżolament tagħna u fakkarna li aħna msejħin inqumu fuq saqajna u naqsmu ma' ħutna t-toqol tal-hemm tagħhom u l-arja friska tal-hena tagħhom. Nitolbu.
- Ħa jkun il-Poplu tiegħek missjunarju tat-tama anke f'soċjetajiet "żviluppati" mnawra minn sens mifrux ta' konfużjoni, solitudni, abbandun, u nuqqas ta' għajnuna bejn persuni qrib ta' xulxin. Nitolbu.
- Mulej Ġesù, iġbed il-qlub ta' dawk li għażilthom biex tibgħathom f'artijiet oħra u agħtihom il-kuraġġ li jilqgħu s-sejħa li jkunu sinjal tal-imħabba bla tarf tiegħek fost il-ġnus. Nitolbu.

Flimkien ma' Marija Ommok u Ommna, Mulej Ġesù, nitolbuk tilqa' dan u tant talb ieħor li hemm f'qalbna sabiex id-dawl tat-tama tagħna fik jilħaq lil kull persuna, bħala messaġġ tal-imħabba tiegħek għal kulħadd, u, permezz tax-xhieda tal-ulied kollha tal-Knisja, din it-tħabbira tasal f'kull rokna tad-dinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**